Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 124 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għax-Xogħol tal-Injam

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbilità.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għax-Xogħol tal-Injam.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbilit f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha li jaħdmu fi stabbilimenti fejn tinħadem għamara, fixtures u oġġetti oħra kollha kemm huma jew fil-biċċa l-kbira ta' l-injam, eskluži lis-smokers pipes iżda inkluži d-dgħajjes u l-bodies ta' vetturi bil-mutur, tapizzerija u xogħol tal-wicker jew tal-qasab, naturali jew mhux, u għall-impjegati li jaħdmu ma' kuntratturi fix-xogħol tal-injam fis-sengħa tal-bini u l-inġinerija ċivili:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' ħaddiema li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-aktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom japplikaw.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"esperjenza fis-sengħa" tfisser perjodu wieħed (1) jew aktar ċertifikati mid-Direttur tax-Xogħol li matulhom persuna li għaliha tapplika dan l-ordni tkun impjegata bħala learner ma' prinċipal wieħed (1) jew aktar, kemm jekk kontinwament kif ukoll jekk mod ieħor;

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi skont l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra;

Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata" tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa konsekuttivi li jibda minn nofs il-lejl (12:00 a.m.) ta' ġurnata sa nofs il-lejl (12:00 a.m.) tal-ġurnata li jmiss;

"ħin doppju" tfisser darbtejn ir-rata attwali tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs tar-rata attwali tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"nofs ta' nhar" tfisser perjodu ta' tnax (12)-il siegħa konsekuttivi, li jibda minn nofs il-lejl (12:00 a.m.) u jispiċċa f'nofs in-nhar (12:00 p.m.), jew jibda minn nofs in-nhar (12:00 p.m.) jispiċċa f'nofs il-lejl (12:00 a.m.);

"perjodu tal-impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni;

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol;

L.S. 452.87.

"waqfien tas-soltu" tfisser waqfien tas-soltu ta' sezzjonijiet partikolari tal-impjegati li għalihom tapplika din l-ordni.

Ħinijiet tax-xogħol.

3. (1) L-anqas kumpens fil-ġimgħa għall-impjegati whole-time, għajr għassiesa, għandu jkun relattiv għal ġimgħa ta' mhux aktar minn erbgħin (40) siegħa xogħol, għajr ħinijiet ta' sahra u waqfien tas-soltu għall-ikel u għall-mistrieħ:

Iżda għall-ħaddiema ta' bi nhar, dawk il-ħinijiet tax-xogħol jiġu mqassma f'ġimgħa ta' ħamest (5) ijiem, mit-Tnejn sal-Ġimgħa jew mit-Tlieta sas-Sibt.

(2) L-inqas kumpens fil-ġimgħa għall-għassiesa għandu jkun relattiv għal ġimgħa ta' mhux aktar minn tnejn u ħamsin siegħa (52) ta' xogħol, eskluż ħin ta' sahra, imqassma f'perjodu ta' sitt (6) ijiem.

Paga minima ta' impjegati whole-time.

4. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ta' dan l-ordni, r-remunerazzjoni minima fil-ġimgħa li jitħallsu lill-impjegati whole-time għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) (i) għassiesa li d-dmirijiet tagħhom isiru prinċipalment ġewwa..... €298.27;

(ii) għassiesa li d-dmirijiet tagħhom isiru prinċipalment barra..... €300.60;

(b) impjegati oħra whole-time.....€229.44.

Allowance tal-uniformi.

5. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ mill-prinċipal li jilbes uniformi fit-twettieq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) Tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mingħajr l-ebda ħlas mill-prinċipal.

L-anqas ħin ta' mistrieħ.

6. L-impjegati whole-time, għajr l-għassiesa, għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' mhux inqas minn siegħa (1) b'kollox kuljum, f'kull ġurnata li fiha s-sigħat ta' xogħol ikunu jeċċedu ħames sigħat u nofs (5 1/2).

Mistrieħ minimu fil-ġimgħa.
L.S. 452.87.

7. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Ir-rati minimi ta' sahra.

8. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 4 ta' dan l-ordni, ir-rati minimi ta' sahra li għandhom jitħallsu lill-impjegati whole-time kollha, għajr għassiesa, li għalihom japplika dan l-ordni huwa kif ġej:

(a) f'kull ġurnata, li tkun ġurnata ta' xogħol għall-impjegat partikolari, għas-sigħat kollha maħduma li jeċċedu

tmien (8) sigħat..... ħin u nofs;

(b) għas-sigħat kollha maħduma f'kull ġurnata, għajr il-Ħadd jew vaganza tas-soltu, li ma tkunx ġurnata ta' xogħol għall-impjegat partikolari.....ħin u nofs;

(ċ) għas-sigħat kollha li jeċċedu erbgħin (40) siegħa f'kull ġimgħa eskluż kull ħin imħallas bir-rati ta' sahra..... ħin u nofs;

(d) għas-sigħat kollha ta' xogħol nhar ta' Ħadd..... ħin doppju;

(e) għas-sigħat kollha ta' xogħol fil-festi tas-soltu..... ħin doppju:

Iżda f'kull ġimgħa li tinkludi festa tas-soltu, is-sahra għandha titħallas bil-ħin u nofs għal xogħol li jeċċedi tnejn u tletin (32) siegħa, eskluż kull ħin imħallas bir-rata ta' sahra, lill-impjegati kollha għajr l-għassiesa.

(2) Ir-rati tas-sahra ta' ħin u nofs għandhom jitħallsu lill-għassiesa għax-xogħol kollu maħdum li jeċċedi tnejn u ħamsin (52) siegħa f'perjodu ta' sitt (6) ijiem konsekuttivi, u għall-ħin kollu li jinħadem fis-seba' ġurnata.

Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

9. L-impjegat għandu jedd għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Leave għal mard.

Kap. 318.

10. (1) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il jum leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal

mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas għal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(2) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja għandu jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il jum ieħor leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għan-nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*: Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għan-nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(3) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandhom japplikaw mill-ewwel jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmija jeddijiet għandhom jiġu kkalkulati *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(4) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza minħabba leave għall-mard.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kull waqfien minn impjieg

ta' mhux aktar minn tletin (30) ġurnata ma għandux jitqies li jinterrompi l-kontinwità tas-servizz.

(6) Il-jedd ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikata fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87.

Ħin ta' stennija.

11. L-impjegat għandu jkun intitolat għall-paga applikabbli għall-ħin kollu li matulu jkun preżenti fil-fond tal-prinċipal tiegħu jew f'kwalunkwe post ieħor li għandu x'jaqsam mal-impjieg tiegħu ħlief meta jkun preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) mingħajr il-permess espress jew impliċitu tal-prinċipal;

(b) għal xi raġuni li mhix relatata max-xogħol tiegħu u ma jkunx qed jistenna li x-xogħol jiġi assenjat lilu;

(ċ) unikament minħabba l-fatt li huwa jirrisjedi hemmhekk;

(d) matul waqfien tas-soltu għall-ikel jew mistrieħ, u huwa ma jkunx qiegħed jistenna li xi xogħol jiġi assenjat lilu.

Tipi ta' leave oħra.

L.S. 452.101.

12. L-impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'kwalunkwe regolamenti magħmula taħt l-Att.

Tħassir u riżervi.

L.S. 452.14.

L.S. 452.44.

13. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi Għax-Xogħol tal-Injam u L-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għax-Xogħol tal-Injam sabiex jirregola l-Pagi huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

L.N. 124 of 2026

EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS ACT (CAP. 452)

Woodworks (Conditions of Work) Regulation Order, 2026

IN EXERCISE of the powers conferred by article 4(1) of the Employment and Industrial Relations Act, the Minister responsible for employment and industrial relations has made the following regulations:-

Citation, commencement and applicability.

1. (1) The title of this order is the Woodworks (Conditions of Work) Regulation Order, 2026.

(2) This order shall come into force within two (2) months from its date of publication in the Gazette.

(3) The provisions established in this order shall apply to all employees engaged in establishments manufacturing furniture, fixtures and other articles wholly or mainly in wood, excluding smokers' pipes but including boats and motor vehicles bodies, upholstery and wicker or cane work, whether natural or artificial, and for employees employed by woodwork contractors in building and civil engineering:

Provided that in the event that there is a collective agreement applicable to the class of employees covered by this order, the more favorable conditions in such agreement or in this order shall prevail.

Interpretation.

2. In this Order, unless the context otherwise requires:

"Act" means the Employment and Industrial Relations Act; Cap. 452.

"customary holidays" means the days, other than Sundays, declared for the time being to be public holidays by, or under the National Holidays and other Public Holidays Act; Cap. 252.

"collective agreement" shall have the same meaning as assigned to it in the Act;

"day" means a period of twenty-four (24) consecutive hours commencing from midnight (12:00 a.m.) of one day to midnight (12:00 a.m.) of the following day;

"double time" means twice the actual time rate applicable to the employee;

"experience in the trade" means one (1) or more periods certified by the Director, during which a person to whom this Order applies is employed as a learner with one or more employers, whether continuously or otherwise;

"half day" means a period of twelve (12) consecutive hours commencing at midnight (12:00 a.m.) and ending at noon (12:00 p.m.), or commencing at noon (12:00 p.m.) and ending at midnight (12:00 a.m.);

"hours of work" shall have the same meaning as assigned to it in the Act;

"part-time employee" shall have the same meaning as assigned to it in the Act;

"period of employment" shall have the same meaning as assigned to it in the Act;

"recognised breaks" means breaks which are customary among particular sections of employees to which this order applies;

"rest period" shall have the same meaning as assigned to it in the Organisation of Working Time Regulations;

S.L. 452.87.

"whole-time employee" shall have the same meaning as assigned to it in the Act;

"time-and-a-half" means one and a half times the actual time rate applicable to the employee;

"wages" means remuneration or earnings, payable by an employer to an employee and includes any bonus payable under article 23 of the Act, other than any bonus or allowance related to performance or production;

"week" means a calendar week;

"whole-time employee" shall have the same meaning as assigned to it in the Act.

Hours of work.

3. (1) The minimum weekly remuneration for whole-time employees, other than watchpersons, shall be related to a week of not more than forty (40) hours of work, exclusive of overtime and of recognised breaks for meal time and rest:

Provided that for day workers, such hours of work shall be

distributed over a five (5) day week, Monday to Friday or Tuesday to Saturday.

(2) The minimum weekly remuneration for watchpersons shall be related to a week not exceeding fifty-two (52) hours of work, exclusive of overtime, distributed over six (6) days.

Minimum remuneration of whole-time employees.

4. Subject to the provisions of article 8 of this order, the minimum wage rates payable to whole-time employees, shall be the following:

(a) (i) watchpersons whose duties are mainly performed indoors..... €298.27;

(ii) watchpersons whose duties are mainly performed out doors.....€300.60;

(b) other whole-time employees.....€229.44.

Uniform allowance.

5. (1) When the employee is required to wear a uniform in the performance of the employee's duties, such uniform shall be provided by the employer free of charge.

S.L. 424.21.

(2) Personal protective equipment according to the Minimum Requirements for the use of Personal Protective Equipment at Work Regulations shall also be provided by the employer free of charge.

Minimum daily rest.

6. Whole-time employees, other than watchpersons, shall be allowed intervals for meals and rest of not less than one (1) hour in the aggregate on any day on which the hours of work exceed five and a half (5 1/2) hours .

Minimum weekly rest. S.L. 452.87.

7. All employees shall be entitled to a rest period according to the Organisation of Working Time Regulations.

Minimum overtime rates.

8. (1) Subject to the provisions of this article and of article 4 of this order, minimum overtime rates are payable to all whole-time employees, other than watchmen, to whom this order applies, shall be follows:

(a) on any day, being a working day in respect of the particular employee, for all time worked in excess of eight (8) hours..... time-and-a-half;

(b) for all time worked on any day, other than a Sunday or a customary holiday, not being a working day in respect of the particular employee..... time-and-a-half;

(c) for all time worked in excess of forty (40) hours in any week exclusive of any time paid for at overtime rates..... time-and-a-half;

(d) for all hours work on a Sunday..... double-time;

(e) for all time worked on a customary holiday..... double-time:

Provided that in any week which includes a customary holiday on a working day overtime at time-and-a-half shall be payable for work in excess of thirty-two (32) hours, exclusive at time paid for at overtime rates, to all employees other than watchpersons.

(2) Overtime at the rate of time-and-a-half shall be payable to watchpersons for all time worked in excess of fifty-two (52) hours in a period of six (6) consecutive days, and for all time worked on the seventh day.

Vacation leave. S.L. 452.87.

10. The employee shall be entitled to annual leave in accordance with the Organisation of Working Time Regulations.

Sick leave.

11. (1) A whole-time employee shall in every calendar year be entitled to the equivalent in hours of twelve (12) days sick leave on full pay, less an amount equal to the sum established for sickness benefit entitlement at the rate established under the Social Security Act, and part-time employees shall have a *pro rata* entitlement to sick leave in hours on full pay, less an amount equal to the sum established for sickness benefit entitlement at the rate established in accordance with the Social Security Act, which amount is also to be calculated on a *pro rata* basis:

Cap. 318.

Provided that:

(a) the first three (3) days of any claim for sick leave shall be paid in full by the employer;

(b) a medical certificate covering the period of absence shall be produced to the employer on the day of return to work or, if such period of absence is longer than seven (7) days, within seven (7) days of the onset of sick leave absence;

(c) employees in receipt of a social security pension in respect of retirement or widowhood in accordance with of the Social Security Act shall, for the purpose of calculating the sick leave pay due, be deemed to have received an amount equal to the sum established for sickness benefit entitlement at the rate

Cap. 318.

established in accordance with the Social Security Act.

(2) A whole-time employee shall in every calendar year be entitled to the equivalent in hours of a further twelve (12) days sick leave on half pay, less an amount equal to half the sum established for sickness benefit entitlement at the rate established in accordance with the Social Security Act, and part-time employees shall have a *pro rata* entitlement to sick leave in hours on half pay, less an amount equal to half the established set for sickness benefit entitlement at the rate established in accordance with the Social Security Act, which amount is also to be calculated on a *pro rata* basis: Cap. 318.

Provided that:

(a) the first three (3) days of any claim for sick leave shall be paid at half pay by the employer;

(b) a medical certificate covering the period of absence shall be produced to the employer on the day of return to work or, if such period of absence is longer than seven (7) days, within seven (7) days of the onset of sick leave absence;

(c) employees in receipt of a social security pension in respect of retirement or widowhood in accordance with of the Social Security Act shall, for the purpose of calculating the sick leave pay due, be deemed to have received an amount equal to half the sum established for sickness benefit entitlement at the rate established under the Social Security Act. Cap. 318.

(3) Sick leave entitlements shall apply from the first day of employment:

Provided that the said entitlements shall be calculated *pro rata* according to the date of employment in the relative calendar year.

(4) The employer may require a medical certificate by his own physician to certify incapacity for work during the period of absence.

(5) For the purposes of this article a break in employment of not more than thirty (30) days shall not be deemed to interrupt the continuity of service.

(6) The sick leave entitlement shall be calculated on the basis provided for annual leave as specified in regulation 8(1) of the Organisation of Working Time Regulations. S.L. 452.87

12. An employee shall be entitled to the payment of the minimum remuneration applicable to him for all time during which he Waiting time.

is present on the premises of his employer or in any other place in connection with his employment unless he is present thereon in any of the following circumstances:

(a) without the employer's express or implied consent;

(b) for some purpose unconnected with his work and other than that of waiting for work to be given to him to perform;

(c) by reason only of the fact that he is resident thereon;

(d) during recognised breaks for meals and rest, and he is not waiting for work to be given to him to perform.

Other forms of leave.

S.L. 452.101.

12. Employees are entitled to the national holidays and to all public holidays with full pay, to all forms of leave according to the Minimum Special Leave Entitlement Regulations and all other forms of leave that may from time to time be stipulated in the National Standard Orders or regulations made under the Act.

Repeal and saving.
S.L. 452.14.
S.L. 452.44.

13. The Woodworks Wages Council Order and the Woodworks Wages Council Wage Regulation Order are hereby repealed without prejudice to anything done or omitted to be done thereunder.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

Prezz/*Price*
€0.54